**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Steve Caruana**

Numru: 111/2014

Illum 27 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Steve Caruana**, ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, iben Paul u Silvia nee' Xuereb, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-26 ta' April 1989 u residenti fil-fond numru 20, Triq Pompei, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 22589G, akkuzat talli nhar it-13 ta' Dicembru 2014 hekk ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija (11.30pm) gewwa l-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex;

1. Bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuni, u cioe' lil Hayley Victoria Bailey u lil Lucy May Bailey akkuza lill-imsemmija persuni

quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li l-imsemmija persuni huma innoċenti;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi iddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-traċċi ta' reat b'mod li setghu inbdew proċeduri kriminali sabiex jiżgura li dak ir-reat kien sar;

3. U aktar talli bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu kien hemm fatt jew cirkustanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostaza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuni ohra u cioe' ta' Hayley Victoria Bailey u Lucy May Bailey bil-hsieb li dawn il-persuni jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hajta ta' reat;

4. U aktar talli fl-istess data u kif ukoll fil-granet u fix-xhur ta' qabel gewwa diversi postijiet f'dawn il-gzejjer, f'hinijiet differenti bl-imgieba tieghu kien ta' fastidju ghall-persuna ta' Lucy May Bailey b'tali mod li kien jaf jew messu kien jaf li kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li matul il-mori tal-kawza u kif ukoll f'kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni u dan skont l-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-sigurta' tal-persuni offizi;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "FT 3" – *a fol.* 13).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**Ikkunsidrat;**

Qabel ma l-Qorti tibda taghmel il-konsiderazzjonijiet legali taghha dwar il-kaz, fic-cirkostanzi thoss li huwa f'loku li jsiru dawn ir-rimarki.

**Nuqqas tal-Prosekuzzjoni:**

Il-Qorti mill-ewwel tirrimarka li ghalkemm in-nota ta' sottomissjonijiet tal-"prosekuzzjoni" kienet iffirmata u mdahhla fir-registru tal-Qorti mill-Ufficcjal Prosekutur, mal-ewwel daqqa t'ghajn wiehed mill-ewwel jinnota li hi xoghol l-avukat li rraprezentat l-interessi ta' Hayley Victoria Bailey u Lucy May Bailey u mhux tal-Ispettur Frank Anthony Tabone.

L-Ufficcjal Prosekutur messu kien aktar attent u ma halliex lil min jinqeda bih biex jipprova jizvija lil din il-Qorti billi jissemmew tant fatti li mhumiex fil-process u l-mod malin kif kienet mghawga x-xhieda tal-Pulizija li ppartecipaw fl-istharrig dwar dan il-kaz.

Jekk wiehed jara biss ix-xhieda li tat Lucy May Bailey f'dan il-process u jara dak li tnizzel fit-tieni pagna tan-nota tas-sottomissjonijiet tal-"prosekuzzjoni" tara li dak kollu mnizzel ma harigx waqt ix-xhieda li tat Bailey.

Il-Qorti taghmilha cara li l-pulizija waqt l-istharrig taghhom m'ghandhomx icedu ghall-pressjoni li jsirulhom minn terzi sew jekk ikunu avukati kif ukoll jekk ikunu persuni ohra.

Il-Qorti hawn tfakkar x'qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-Hamis 3 ta' Dicembru 2015 fil-kawza Ir-**Repubblika ta' Malta vs. Sergii Nyktiuk** meta rrimarkat dwar l-attegjament tal-Prosekutur tal-kaz li "*kienet miexja b'mod azzardat għall-aħħar fuq ix-xifer tal-korrettezza legali u etika …*"[1]

**Glied, piki u mibeghda f'relazzjonijiet:**

Illi x-xhieda li nstemghu, l-istqarrijiet u d-dokumenti esebebiti f'dan il-kaz jaghtu lill-Qorti x'tifhem li sfortunatament l-imputat u x-xhud Lucy May Bailey li ghandhom tarbija minflok qeghdin jghixu f'atmosfera ta' mhabba u ghaqda, jghixu f'atmosfera ta' glied, piki u mibeghda lil hinn minn xulxin.

Illi l-Qorti thoss ili f'dan il-kaz l-vittma hu t-tifel li l-imputat u x-xhud Lucy May Bailey gabu fid-dinja u hadd aktar.

[1] Att ta' Akkuża Nru. 19/2011 – moghtija mill-S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri Onor. Imħallef David Scicluna Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon – pg. 11

Illi jidher li hemm pika kbira miz-zewg nahat u x'aktarx ukoll odju reciproku li ma jiffacilitax id-djalogu w l-komunikazzjoni bejniethom. Pero' din is-sitwazzjoni xejn ma hija partikolari ghall-imputat u x-xhud Lucy May Bailey u l-Qrati jiltaqghu maghha regolarment ghaliex flok isibu min jghin lill-partijiet isibu mezz ta' ko-ezistenza, isibu min ikompli johloq konflitt wara l-iehor bi kwereli u rapporti ghand il-Pulizija li jkomplu jkabbru l-gerhiet flok ifejqhuhom.

Illi l-Qorti meta rat il-provi kollha f'dawn il-proceduri ssib provi kunfliggenti peress illi huma zewg fazzjonijiet kontra xulxin li lesti biss jitfghu l-akkuzi kontra xulxin biex forsi xi hadd johrog rebbieh;

**Il-fatti**

Illi l-imputat kellu relazzjoni ma' Lucy Mary Bailey li minnha kellhom tarbija liema relazzjoni ntemmet. Meta gara l-akkadut it-tarbija kellha hames xhur. Lucy May Bailey riedet ticcelebra gheluq sninha u nfurmat lill-imputat li kienet se thalli t-tarbija taghhom ma' Hayley Victoria Bailey fejn l-imputat li kien qieghed joggezzjona ghal dan ghax ma kienx jafda lil ohtha ma' ibnu. Lucy Mary Bailey konxja tal-oggezzjoni tal-imputat halliet t-tarbija xorta wahda ma' ohtha. Waqt dawn il-proceduri hareg li l-imputat motivat minn biza' li ibnu seta' kien fil-periklu rrikorra ghand il-pulizija.

Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet (a fol. 87 sa fol. 92) issostni li l-imputat irrikorra ghand il-Pulizija fl-interess tal-minuri:

> Dak li wassal lill-imputat imur l-ghassa kien unikament il-benessere ta' ibnu u l-biza li huwa kellu li dan seta' jigrilu xi haga. Infatti xtaq li l-pulizija jmorru jiccekkjaw jekk ibnu kienx fil-periklu hekk kif fil-fatt gara. Fi kliem l-imputat huwa mar l-ghassa ' *ghax kont bezghan li t-tifel seta' jigrilu xi haga u ghalhekk gejt l-ghassa u ftaht qalbi mal-pulizija.* 'Dan johrog mhux biss mill-istqarrija tal-imputat fejn huwa jirrepeti kemm il-darba li huwa mar l-ghassa ghall-ghajnuna , izda huwa kkonfermat anke minn diversi pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri u mir-rapport li intavola l-istess Surgent PS 342 fejn jinghad ' *Caruana stated that he was very worried about the well being of his baby'*. Jinghad ukoll fl-istess rapport li '*he was afraid that something might have happened to his child as he suspected that said Hayley might not be in control of herself.'* L-istat inkwetanti tal-imputat jikkonfermah ukoll il-Pulizija David Xerri fejn jghid li l-imputat stqarr li huwa kien mar l-ghassa ghall-ghajnuna ghax kien jinsab inkwetat hafna mill-istat ta' ibnu. Xhieda kkonfermata anke mill-Pulizija PC 60 John Grima.

Illi dan iwasssal ghall-eliminazzjoni tat-tezi tal-parte civile li l-interess tal-imputat kienet l-parte civile jew Hayley Victoria Bailey. Jixhed is-surgent David Xerri in kontro-ezami:

<u>*L-Avukat Dottor Deborah Mercieca:*</u>

*Jiġifieri jekk qed nifhmek sew il-preokupazzjoni ta' Steve Caruana ma kinitx il-fatt illi Lucy kienet barra.*

<u>*Ix-xhud:*</u>

*Lanqas xejn.*

<u>*L-Avukat Dottor Deborah Mercieca:*</u>

*Jew ma kinitx l-istat ta' Hailey x'tagħmel b'ħajjitha. Kienet it-tifel ta' Steve Caruana fejn kien u fl-liema stat kien.*

<u>*Ix-xhud:*</u>

*Eżattament. Għax ħin minnhom qalilna ommu tagħmel li trid. Jiena mit-tifel inkwetat*

Ghaldaqstant jekk hemm fatt wiehed li johrog minn dan il-process huwa unikament l-preokupazzjoni li l-imputat kellhu ghal ibnu. Min jista' jlumu lill-imputat li affaccjat minn biza' li ibnu seta' jkun fil-periklu jaghmel rapport lill-Pulizija biex jassigura li ibnu jinsab tajjeb? Il-fatt li persuna jkollha suspett li xi hadd seta' ma kienx fil-kontrol tieghu innifsu bil-konsegwenza li seta' jkun fil-periklu minuri, kellhu jwassal ghall-proceduri odjerni? Daqstant iehor wiehed ma jistax ma jirrimarkax fuq certu mistoqsijiet li saru lill-imputat waqt l-istqarrija tieghu bhal perezempju li huwa gieli ghamel rapporti l-ghassa minhabba nuqqas ta' access – wiehed ma jistax jifhem l-ewwelnett x'ghamel hazin b'daqshekk u t-tieni nett x' suppost kellu jaghmel jekk omm t-tarbija tieghu ma tatux it-tifel jekk mhux b'rapport l-ghassa? Wiehed irid jifhem it-tbatija li jghaddu minnha ammont ta' missirijiet li jispiccaw imcahhdin minn uliedhom f'socjeta li saz-zminijiet ricenti kienet taghti kemxejn aktar importanza lill-irwol tal-omm minn dak tal-missier. Mentalita' li ghal grazzja t'alla qieghda tinbidel bil-mod.

Illi l-preokupazzjoni u l-genwinita' tal-missier fl-umli opinjoni tal-esponenti ma kinux infondati . Dan qed jinghad in vista tal-istat disastruz li fih sabu l-post fejn kien hemm zewg minuri flimkien mal-istess Hayley Victoria Bailey u li sahansitra wassalhom biex jaghmlu rapport mal-Agenzija Appogg. Jinghad mill-pulizija David Xerri:

*' Kif konna qeghdin induru god-dar u hekk stajna naraw hmieg u hekk u telqa, sigaretti fl-art, butts tas-sigaretti fl-art, ikel skuzi mnawwar fil-platti fil-kcina.'*

*' Ifhimni, fid-dar kien hemm certu taqlib u certu hmieg li kien ifhimni, fl-opinjoni tieghi kien jindika li kelli ninforma lil dawk lill-Agenzija Appogg u lil dawn in-nies nafhom jigifieri kellhom problemi anke minhabba alkohol u hekk .'* – Surgent Johann Said

In vista ta' dan jistax wiehed ma jistaqsix kemm tabilhaqq persuna li tkun qed tghix f'dak l-ambjent ghandha kontroll taghha innifisha u kemm tabilhaqq l-imputat kellhu ragun jinkwieta. Apparti hekk l-imputat xehed li l-preokupazzjoni tieghu fuq Hayley Victoria Bailey kienet temani mhux biss minn dak li kien jara b'ghajnejh meta kien ghadu johrog mal-parte civile u kien ikun hemm Hayley prezenti, izda wkoll minn dak li kienet tghidlu l-istess parte civile Lucy May Bailey fuq l-istess Hayley. Sinifikanti wkoll

huwa dak li kkonferma in kontro-ezami l-Ispettur Frank Anthony Tabone u cioe li :
<u>*L-Avukat Dottor Deborah Mercieca:*</u>
*Spettur mistoqsija waħda. Tikkonferma li waqt li Steve kien arrestat u kontu qed toħdulu l-istqarrija inti ċempilt lil mamà tiegħu biex tikkonferma dak li kien qallek Steve u ċioé illi waqt li Steve u Lucy kienu qeghdin l-isptar għaliex kienet weldet lit-tifel din Hailey Bailey qaltilhom ir-reliġjon tiegħi hija sex and drugs?*
<u>*L-Ispettur Frank Anthony Tabone*:</u>
*Nikkonferma li kellimt lil omm Steve u qaltli dak id-diskors. Però biex inkun għidt kollox imbagħad bgħatt għal Hailey, kellimtha u Hailey ċaħdet li qalet dak id-diskors.*
<u>*L-Avukat Dottor Deborah Mercieca:*</u>
*U iva. U naqblu li dan il-ħin li int ċempilt lil omm Steve l-imputat hawnhekk kien arrestat?*
<u>*L-Ispettur Frank Anthony Tabone:*</u>
*Kien l-għassa quddiemi.*

Dan jikkombacja ma' dak li qal l-imputat fit-tieni stqarrija tieghu meta kien arrestat:

*'...hija stess darba kienet qalet lil ommi li hija r-religjon taghha huwa sew u droga. Niftakar dakinhar konna l-isptar bit-tifel tieghi.'*

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

### L-ewwel u t-tielet imputazzjoni – Ksur tal-artikolu 101 u 110(1) tal-Kap 9

Illi permezz tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat giet addebitata bir-reati kontemplati fl-Artikolu 101 u 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' z-zewg forom ta' kalunja.

L-imputat giet akkuzat bir-reat kif dispost fl-Artikolu 110 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta - 'l hekk imsejjah "holqien qarrieqi ta' provi foloz" li jipprovdi is-segwenti:-

*"Kull min bil-qerq johloq jew igieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew*

*bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, jehel..."*

F'dan ir-reat l-imputat irid b'qerq johloq jew igieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkun jista' jingieb bi prova kontra persuna ohra sabiex tigi akkuzata kontra s-sewwa. Huwa importanti li l-malvivent ikun jaf li jkun qed jaghmel hekk b'mod doluz sabiex il-persuna innocenti tkun tista' taffaccja proceduri kriminali. L-element materjali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-fatt li bniedem jikkreja b'mod doluz fatt li jista' jintuza bhala evidenza f'kaz kriminali kontra persuna innocenti. L-element intenzjonali jikkonsisti fl-intenzjoni da parti tal-agent li jara li persuna innocenti tigi misjuba hatja jew akkuzata b'reat meta kien jaf li tali persuna hija innocenti. Dan ir-reat huwa kkonsmat fil-mument li l-elementi materjali u intenzjonali jikkonkorru - irrespettivament jekk persuna tressqitx il-Qorti jew le.

Il-Professur Sir Anthony Mamo[2] jikkwota l-Maino li jghid dwar dan ir-reat:

*"La calunnia reale consiste nel simulare a carico di persona che si sa innocente le tracce o gli indizi materiali di un reato .... Tale sarebbe il porre sul luogo del reato un oggetto simile a quello portato dalla persona che si vuole colpire, ovvero il porre sulla persona o nell'abitazione altrui un pugnale insanguinato, oppure una cosa furtiva."*

Il-Professur Mamo mbaghad jghid dwar dan ir-reat:

*"The constituent elements of this crime emerge clearly from its definition. The material element consists in fabricating, that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal*

[2] Notes on Criminal Law, Vol. II, p. 58.

*offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that that person be unjustly convicted of or charged with the offence. If these two elements concur the crime subsists, even though the person against whom the evidence was fabricated may not have been, in point of fact, convicted or even charged…. In the case of this form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority.”*

Illi mid-dicitura tal-Artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir-reat hija illi taghmel hsara lill-persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunzja falza trid tkun tali illi a bazi tal-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija vs Doreen Zammit** deciz 15 ta' Gunju 2001 fejn gie deciz li *"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l- element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il- persuna fil-fatt ma kienitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel."*

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal dak li jghallem l-Imhallef William Harding fejn fil-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tratta r-reat ta' **falza denunzja**:

*"Biex ikun hemm ir-reat ta` falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok hal azzjoni kriminali persegwibili quddiem il-Qorti ta` Gustizzja Kriminali. Ghaldaqstant min jiddenunzja falsament membru tal-Pulizija, li naqas mid-dmirijiet tieghu, ghalkemm jista` jgib konsegwenzi serji skond l-Oridnanza tal-pulizija, ma hux hati ta` kalunja. Ghax denunzja simili tista` taghti lok ghal inkjesta mill-kummissjaru tal-Pulizija, u l-piena tigi irrogata mill-Eccellenza Teighu l-Gvernatur, jew mill-Kummissajru jew Ufficjali iehor kompetenti, imma ma taghtix lok ghal azzjoni kriminali kontra dak il-membru tal-pulizija quddiem il-Qrati Kriminali. Dik id-denunzja pero`, tammonta ghal ingurja lil dak il-membru tal-Pulizija, u tigi punita taht dispozizzjonijeit diversi minn dawk li jikkontemplaw ir-reat tal-kalunnja*."[3]

Illi dwar il-kalunja l-Professur Sir Anthony Mamo jsostni li:

*... the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct, such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of... indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority.*

Illi l-imputat irrapporta lill-Pulizija Ezekuttiva incident li fil-fehma tieghu seta' jsehh. Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat kien qed jipprova jiddenunzja **fatt** (enfasi tal-Qorti) li fil-fehma tieghu ma sehhx. Dak li kellha tipprova l-Prosekuzzjoni kien li l-imputat kien qed jiffabrika storja.

[3] **Il-Pulizija Vs Vincenzo Attard** tas-7 ta' Novembru 1949

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u b'hekk ser jiġi liberat minnhom.

**It-tieni imputazzjoni – Ksur tal-artikolu 110(2) tal-Kap 9**

Permezz tat-tieni (2) imputazzjoni l-imputat giet akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' s-simulazzjoni ta' reat.

Dwar s-subartikolu (2) tal-Artikolu 110 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

*"Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' prigunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena."*

Illi dwar is-simulazjoni ta' reat, ir-reat kontemplat fl-artikolu 110(2) l- Professur Mamo jgħid hekk:

*"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. [...] This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged [...]. The*

*simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. [...] Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation".*

Illi fis-sentenza moghtija fis-16 ta' Frar 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il- Pulizija vs David Mizzi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti fuq din id-dispozizzjoni tal-ligi:

*"Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is- simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta' l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."*

Dan ir-reat ta' simulazzjoni ta' reat huwa differenti mir-reat ta' kalunja ghaliex f'dan ir-reat m'hemmx akkuza specifika kontra persuna specifika u m'hemmx l-intenzjoni tal-agent li jressaq il-Qorti persuna innocenti. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Farrugia** [per Imh.Vincent Degaetano] nhar it-2 ta' April 2004 qalet li l- Artikolu 110 (2) huwa destinat sabiex jikkreja inkonvenjent u pregudizzju lill-awtoritajiet kompetenti ghaliex ikollhom jahlu l-hin sabiex jinvestigaw rapporti dwar reati li fil-verita' ma

sehhewx apparti l-allarm li jistghu jikkrejaw lill-pubbliku. F'dan il-kaz l-element intenzjonali jikkonsisti fil-fatt li l-agent iressaq informazzjoni dwar allegat reat li jaf li ma sehhx u ghalhekk l-intenzjoni specifika hija dik sabiex tizvija l-gustizzja. Dan hu reat formali u hu kkonsmat fil-mument li jsir ir-rapport lill-pulizija esekuttiva.

Il-Qorti ser tikkwota dak kollu li qal l-Imhallef Vincent Degaetano minhabba l-importanza tieghu:

> "Issa, ma hemmx dubju li, bhal fil-kaz tar-reat ta' kalunja, biex ikun hemm id-denunzja lill-awotorita` kompetenti, ma hemmx ghalfejn li jigu osservati lformalitajiet preskritti fl-Artikoli 537 *et. seq.* tal-Kodici Kriminali: huwa bizzejjed li l-kalunja jew ir-reat simulat jingieb, anke jekk biss bil-fomm, a konjizzjoni tal-awtorita` kompetenti[4]. Issa huwa veru li, ghall-finijiet tar-reat ta' kalunja (Art. 101), hemm gurisprudenza fis-sens li ddenunzja trid tkun spontanea u mhux biss volontarja. Lewwel darba li dan il-punt gie affermat mill-Qrati taghna jidher li kien fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-Qrati tal-Magistrati) tal-24 ta' Ottubru, 1951 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Nicola Brincat et*** (deciza mill-kompjant Imhallef Anthony Montanaro Gauci)[5]. F'dik is-sentenza dik il-Qorti dahlet f'certu dettal dwar dan il-punt kontrovers (fejn anke id-dottrina Taljana jidher li ma kienitx konkordi), izda jidher li kienet influwenzata principalment bil-kummenti tal-Falzon fil-ktieb tieghu **Annotazioni alle Leggi Criminali per l'Isola di Malta e sue Dipendenza**[6].

[4] ***Il-Pulizija v. Nicholas Ellul*** App. Krim. 21 ta' Novembru, 1985.
[5] Ara wkoll ***Il-Pulizija v. Bashir Mohtar Ben Duoi u Luccarda sive Luckie Pace*** App. Krim. 26 ta' Awwissu, 1998.
[6] Malta, 1872.

Ir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 110, pero`, gie introdott fil-ligi taghna bl-Ordinanza IX ta' l-1911 hu – kif josserva l-Professur Sir Anthony Mamo fl-appunti tieghu[7] – din iddisposizzjoni giet mudellata kwazi kelma b'kelma fuq l- Artikolu 211 tal-*Codice Zanardelli*[8]. Hija ghalhekk il-gurisprudenza jew id-dottrina, anke jekk Taljana, dwar din id-dispozizzjoni li wiehed, se mai, ghandu jsegwi hu mhux dik dwar il-kalunja. Dan qed jinghad ghax, fil-fehma ta' din il-Qorti, filwaqt li ghar-reat ta' kalunja wiehed jifhem li l-ispontanjeta` tad-denunzja tista' tkun importanti proprju biex taccentwa l-intenzjoni specifika, li l-agent irid ikollu, sabiex jinkolpa persuna partikolari li huwa jkun jaf li hi innocenti, fil-kaz tar-reat ta' simulazzjoni ta' reat din il-Qorti ttendi li tara l-uzu tal-kelma "jiddenunzja" fis-sens generiku li "igib a konjizzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva".

L-inkriminazzjoni skont l-Artikolu 110(2) hija intiza proprju biex tipprevjeni li l-awitorita` kompetenti toqghod tahli z-zmien tindaga dwar reat li ma jkunx effittivament sehh, apparti l-allarm li l-ahbar jista' jnissel fil-pubbliku u l-fatt li, fil-kors tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija jista' jaqa' suspett – intortament – fuq persuni li jkunu totalment innocenti. Francesco Antolisei, a propositu tar-reat kontemplat fl-Artikolu 367 tal-Kodici vigenti Taljan, jghid hekk:

**A proposito della prima forma va notato che l'espressione "denuncia" non e` usata nell'articlo 367 in senso tecnico. Essa comprende anche il referto e il rapporto e, in genere, ogni *notitia crminis*, orale o scritta, non importa se presentata spontaneamente**

---

[7] Notes on Criminal Law, Vol. II, p. 68.

[8] Articolo 211: "Chiunque denunzia all'Autorita` giudiziaria o ad un pubblico ufficiale, il quale abbia obbligo di riferirne all'Autorita` stessa, u reato che sa non essere avvenuto, ovvero ne simula le tracce, in modo che si possa iniziare un procedimento penale per accertarlo, e` punito….". Fil-kodici vigenti Taljan, l-artikolu li jitratta s-simulazzjoni ta' reat huwa l-Artikolu 367.

**dal soggetto o per invite dell'Autorita` (per es., in un interrogatorio).**[9]

U anke l-insinji awtur Luigi Majno, fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 211, jghid hekk:

**Fu giudicato che, a costituire questo reato, non e` neccessaria la spontaneita` assoluta della denunzia: applicarsi quindi l'art. 210 [recte: 211] alla falza denunzia [anche quando e`] stata preceduta da qualche indagine del pubblico ufficiale.**[10]

U Ranieri Babboni jissintezza hekk l-iskop tal-inkriminazzjoni u l-irwol tad-denunzja:

**Trattandosi di un delitto contro l'amministrazzione della giustizia, l'elemento obiettivo del medesimo sta nell'inganno della gustizia stessa, che, per effetto della denunzia, deve procedere alle relative indagini, e niuna importanza ha la mancanza nella denunzia dei requisiti degli art. 98-100 cod. proc. pen., purchè vi sia la possibilità di un procedimento. Sull'attitudine della denunzia a determinare l'attività degli organi giudiziari non possono stabilirsi regole precise, e ogni giudizio in proposito dipende dall'apprezzamento dei fatti nei singoli casi. Può in generale affermarsi che la denunzia deve provenire da persona in grado di comprendere l'atto che compie, e deve riferirsi a un fatto che si presenti nell'insieme come un reato. Non è neccessario che la denunzia sia fatta spontaneamente, potendo essere costituita**

[9] Antolisei, F., ***Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II***, Giuffre` (Milano), 1986, p. 895.
[10] Maino, L., ***Commento al Codice Penale Italiano – Volume Secondo***, UTET (Torino), 1924, p. 312, para. 1088.

**anche da risposte date all'Autorità giudiziaria, che venga per tal modo informata del preteso reato.**

**Equivale a denuncia la conferma davanti all'Autorità giudiziaria della notizia d'un reato fornita precedentemente ad altra Autorità.**[11] (sottolinear tal-Qorti )"[12]

Illi, maghmula din l-analizi legali ta' dan ir-reat, l-elementi legali li jsawwru dana r-reat ma jirrizultawx f'dan il-kaz peress illi minn imkien ma jirrizulta illi l-imputat kien qed jipprova johloq xi tracci ta' reat jew inkella illi kien qed jipprova johloq b'mod qarrieqi xi provi foloz jew iddenunzja lill-Pulizija xi reat li jaf li ma jkunx sehh. Dan ir-reat jippostula sitwazzjoni fejn persuna tivvinta li sar xi reat jew bil-qerq tohloq xi provi jew tracci li sehh xi reat bhal, per ezempju, il-kaz li jsehh ta' sikwit f'binjiet pubblici fejn persuna taghmel rapport anonimu illi hemm xi bomba f'wiehed minn dawn il-postijiet, li hija s-simulazzjoni verbali jew diretta. Jew inkella li sabiex jivvinta li sofra serqa mill-vettura tieghu, l-agent jkisser wahda mill-*quarter windows*, sabiex il-Pulizija jibdew jaghmlu l-investigazzjonijiet dwar ir-reat tas-serq – din hija s-simulazzjoni reali u indiretta. Illi l-ghan ta' l-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa li jippenalizza l-persuna illi jivvinta li sar reat kemm b'mod verbali kif ukoll materjali, sabiex b'hekk jinbdew investigazzjonijiet kriminali bl-ghan li jigi accertat il-kummissjoni ta' dana l-allegat reat. Il-Professur Mamo jghid:

*"The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have*

---

[11] Babboni, R., "Dei delitti contro l'Amministrazione della Giustizia" in Babboni, R., *et al.* ***Trattato di Diritto Penale***, Vallardi (MilanoBabboni, R., "Dei delitti contro l'Amministrazione della Giustizia" in Babboni, R., *et al.* ***Trattato di Diritto Penale***, Vallardi (Milano), Seconda Edizione, Vol. V, p. 33.), Seconda Edizione, Vol. V, p. 33.

[12] Appell Kriminali Inferjuri - **Il-Pulizija vs Anthony Farrugia** - Imh. Vincent Degaetano, 2 ta' April 2004

*been committed and not in the intent to harm, directly by the simulation, any other person."*

Mehud in konsiderazzjoni dak li xehdu x-xhieda kollha f'dawn il-proceduri m'hemmx dubju illi dan ma jinkwadrax ruhu fil-fatti speci tal-kaz in dizamina. Ma jirrizultax li l-imputat ddenunzja lill-Pulizija reat li jaf li ma sarx.

Ghaldaqstant, l- imputat ma jistax jinstab hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk ser jigi liberat minnha.

**Ir-raba' imputazzjoni – Ksur tal-Artikolu 251 tal-Kap 9**

Illi, b'riferenza ghar-reat ta' fastidju, il-Qorti ser taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Mirko Giannetti**, fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza deciza mill-istess Qorti (diversament preseduta) fis-27 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Massimo Tivisini**:

"Fl-Appell Kriminali Il-**Pulizija v. Massimo Tivisini** deciz fis-27 ta Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:

"Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz '*Harassment*') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- *"Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*, dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bilfors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: Il-**Pulizija vs. Alan Caruana Carabez** [21.6.07]:- "...f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien".

[...]

Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz '*harassment*') gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli

251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lill-persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' ('*alarming*') jew idejjaq ('*causing...distress*') lill-persuna.

[...]

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lill-persuni jinkludu meta wiehed jaghti qatgha jew idejjaq lill-persuna. ('*alarming the person or causing the person distress'* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew 'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika u dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati".

Din il-Qorti tinnota li l-artikolu (251A tal-Kap 9) huwa msejjes fuq l-ewwel zewg artikoli tal-*Protection of Harassment Act 1997* li jibda bil-kelmiet: '*A person must not pursue a course of conduct'* li fil-ligi taghna hekk: 'Persuna li ggib ruhha'.

Skont l-Archbold: *'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'.* (**Lau v DPP** (2000) 1 F.L.R. 799 DC).

*In **Pratt vs DPP**, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing*

*and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.*

*Under section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender, such as his mental illness; and the test is section 1(30(c is even more clearly objective:* ***R v Colohan****".*

Il-Prosekuzzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet dwar din l-imputazzjoni ssostni li:

> F'dan il-kaz, ix-xhud Lucy May Bailey spjegat fic-car illi din ma kinetx l-ewwel darba li l-imputat missier it-tifel taghha, repetutament taha fastidju sa minn mindu twieled it-tifel taghhom OMISSIS. Hija tirrakonta kif f'diversi okkazzjonijiet, l-imputat taha fastidju billi, mhux biss baghtilha messaggi u qalilha affarijiet mhux xierqa, izda kien sahansitra jissorvelja l-passi taghha u jiskorri bil-kbir il-limiti ta' dak li hu legittimu billi jaghmel rapport foloz fil-konfront taghha u ta' membri tal-familja taghha. Detto questo, in kwantu l-agir tal-imputat kif rakkontat mill-imsemmija Lucy May Bailey certament li jammonta ghal fastidju …

Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tghid li:

> lanqas mix-xhieda tal-istess Lucy May Bailey ma jirrizulta dan il-fastidju li kien qieghed allegatament jaghmel l-imputat lill-parte civile. U dan hawn iwassal ghall-osservazzjoni li anke jekk ghall-grazzja tal-argument l-imputat kien jaghmel rapport kull darba li l-parte civile ma kinitx tghaddilu t-tifel allahares dan jammonta ghall-fastidju ghax inkella l-gustizzja tkun qed isservi ta' spalla ta' min jaghmel l-hazin u mhux ta' min jimxi mad-digrieti tal-Qorti!

Illi mill-provi pprezentati f'dan il-process dak li sehh bejn Lucy May Bailey u l-imputat sehh fit-13 ta' Dicembru 2014 meta fl-akkuza jinghad li "kif ukoll fil-granet u fix-xhur ta' qabel gewwa diversi postijiet f'dawn il-gzejjer, f'hinijiet differenti."

Illi madanakollu mill-provi specjalment minn dak li xehdet Lucy May Bailey quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2015 ma qalet xejn dwar il-fatti li dejquha u tawha fastidju.

Lucy May Hailey fix-xiehda taghha (a fol 63 et seq.) tghid li:

*Steve was very jealous. He didn't want me to go out. He told me he would cause trouble with the police if I went out. That he was very controlling via the text messages. He was saying that I was going out and talking to many guys in*

*these messages. That if I went out he would call the police. That he doesn't trust the person looking after our child. And then I went to the police …*

*And I went to the police. I stated that he was being very jealous and even in the messages that I was receiving and a policeman officer told me then that it was okay to go out, and that if he comes in again it's okay, no problem. So I went out and then I got a call from the police …*

Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a "course of conduct" (fit-test Ingliz) li skont gurisprudenza recenti ta' tal-Qrati taghna trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju u ikkagunar ta' biza'.(ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: "Il-**Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]).

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat Artikoli 101(1), 110(2), 110(1) u 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrieh u ghaldaqstant tilliberah minn kull akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti tordna d-divjet ta' pubblikazzjoni ta' isem il-minuri OMISSIS fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**